EUROPEAN CENTRAL BANK

# Il-proġettazzjonijiet makroekonomiċi ta' l-istaff ta' l-ewrosistema għaż-żona ta' l-ewro

*Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli sas-17 ta' Mejju 2004, l-istaff ta' l-Ewrosistema ħejja l-proġettazzjonijiet għall-iżviluppi makro-ekonomiċi fiż-żona ta' l-ewro.[1] Iż-żieda medja annwali tal-PGD reali hi pproġettata li tkun bejn 1.4% u 2.0% fl-2004 u bejn 1.7% u 2.7% fl-2005. Ir-rata medja taż-żieda fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (HICP) huwa pproġettat li jkun bejn 1.9 % u 2.3 % fl-2004 u bejn 1.1% u 2.3% fl-2005.*

Il-proġettazzjonijiet ta' l-istaff huma bbażati fuq serje ta' supponimenti f'dak li jirrigwarda r-rati ta' l-interessi, ir-rati tal-kambju, il-prezzijiet taż-żejt, l-kummerċ dinji barra ż-żona ta' l-ewro u l-linji politiċi fiskali. B'mod partikolari qed isir supponiment tekniku li r-rati ta' l-interessi tas-suq għal żmien qasir u r-rati tal-kambju bilaterali ser jibqgħu l-istess għall-perijodu taż-żmien tal-proġettazzjoni. L-assunzjonijiet tekniċi f'dak li jirrigwarda r-rati ta' l-interessi għal żmien twil u kemm il-prezzijei taż-żejt kif ukoll dawk il-prodotti li ma jipproduċux enerġija huma bbażati fuq l-aspettattivi tas-suq. [2] Is-supponimenti għall-politika fiskali huma bbażati fuq il-pjan ta' l-estimi nazzjonali fil-pajjiżi individwali ġewwa ż-żona ta' l-ewro. Dawn jinkludu biss dawk il-miżuri ta' politika li diġà ġew approvati mill-parlament jew li kienu ġew speċifikati b'mod iddettaljat u li x'aktarx li jkunu ser jgħaddu mill-proċess leġislattiv.

Sabiex tkun tista' tiġi espressa l-inċertezza li hemm f'dak li jirrigwarda l-proġettazzjonijiet, qed jintużaw skali biex ikunu jistgħu jiġu ppreżentati r-riżultati għal-kull fattur varjabbli. L-iskali huma bbażati fuq id-differenzi bejn ir-riżultati attwali u l-proġettazzjonijiet li saru qabel mill-banek ċentrali taż-żona ta' l-ewro tul numru ta' snin. Il-wisa' bejn l-iskali hi darbtejn daqs il-valur medju assolut ta' dawn id-differenzi.

---

[1] *Il-proġettazzjonijiet ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema jsiru kunġuntament minn esperti kemm mill-BĊE kif ukoll mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona ta' l-ewro. Dawn jikkonsistu f'kontribut ta' kull sentejn għall-istima ta' l-iżviluppi ekonomiċi tal-Kunsill Governattiv u tar-riskji għall-istabilità fil-prezzijiet. Iżjed informazzjoni dwar il-proċeduri u l-metodi użati tinstab f' "A Guide to Eurosystem staff macroeconomic projection excercises", BĊE Ġunju 2001.*

[2] *Rati ta' l-interessi fil-qasir kif imkejla mill-Euribor ta' tliet xhur qed jiġu ssoponuti li jibqgħu kostanti tul il-perijodu ta' żmien tal-previżjoni fil-livell ta' kemm kemm 'il fuq minn 2.0%. L-assunzjoni teknika ta' rati tal-kambju kostanti timplika illi r-rata tal-kambju ta' l-EUR/USD ser tibqa fil-livell ta' 1.19 matul il-perijodu taż-żmien u li r-rata tal-kambju effettiva ta' l-ewro hi 0.9% ogħla mill-medja ta' l-2003. L-aspettattivi tas-suq tar-renditi tal-bonds tal-gvernn għal għaxar snin fiż-żona ta' l-ewro jimplikaw żieda minn medja ta' 4.3% fl-2004 sa medja ta' 4.4% fl-2005. Meta bbażati fuq it-trieq implikata mis-swieq tal-futur, il-prezzijiet medji annwali taż-żejt huma ssoponuti illi jonqsu għal USD 31.8 għal kull bittija fl-2005, minn USD 34.6 għal kull bittija fl-2004. Il-prezzijiet tal-prodotti li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-enerġija huma stmati li ser jiżdiedu bi' 18% (meta mfissra f'dollari Amerikani) fl-2004 u li jibqgħu b'mod ġenerali l-istess fl-2005.*

## L-ambjent internazzjonali

L-irpiljar fl-attività ekonomika dinjija infirxet u ssaħħet minn żmien il-ħarifa ta' l- 2003, u dan kien megħjun in parti minn linji politiċi espansjonarji u kondizzjonijiet favorevoli ta' finanzjament, iżda wkoll minn finanzi tal-kumpanniji mtejba. Meta wieħed jassumi li jkun hemm tnaqqis fil-prezzijiet taż-żejt, u premji tar-riskju moderati fuq is-swieq finanzjarji, kif hemm imniżżel fis-supponimneti hawn fuq imsemmija, l-irpiljar hu mistenni li jibqa' b'saħħtu matul il-perijodu taż-żmien.

L-Istati Uniti u l-Asja bl-esklużjoni tal-Ġappun huma mistennija li jibqgħu il-kontributuri ewlenin għat-tkabbir dinji. Fl-Istati Uniti, t-tkabbir hu mistenni illi jingħata spinta b'titjib fl-investiment, filwaqt li jkun sostnut b'konsum privat b'saħħtu fil-konfront ta' titjib kontinwat fis-suq tax-xogħol. Iż-żieda fil-PGD fl-Asja bl-esklużjoni tal-Ġappun hi mistennija li tibqa b'saħħitha, u b'dan tirrifletti d-dinamika tat-tkabbir intern. Il-qagħda fir-reġjuni l-oħra hija iżjed varjata, għalkemm id-domanda qawwija mill-Istati Uniti u mill-Asja bl-eżklużjoni tal-Ġappun hi mistennija li tagħti spinta lill-attività fil biċċa l-kbira taż-żoni. L-ekonomija Ġappuniża hi mistennija li tkompli fi trieqitha lejn l-irkupru, filwaqt li d-domanda interna qiegħda tibbenifika mill-miżuri ta' riformi strutturali li għaddejjin bhalissa kif ukoll mit-tnaqqis ta' pressjonijiet deflazzjonarji. Iż-żieda fil-PGD reali fir-Renju Unit hi mistennija li tibqa' dinamika matul il-perijodu taż-żmien tal-proġettazzjoni. Barra dan, il-pajjiżi li ssieħbu ma' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004 u l-ekonomiji li għaddejjin minn transizzjoni huma pproġettati illi jkomplu jikbru b'pass relattivament b'saħħtu. Meta wieħed iqis kollox, *iż-żieda fil-PGD dinji reali barra ż-żona ta' l-ewro* hi proġettata li tkompli tiżdied għal madwar 5.0% kemm fl-2004 kif ukoll fl-2005, minn 4.5% fl-2003.

Iż-żieda fil-kummerċ dinji hi ssoponuta li ssegwi sekwenza konformi ma' dik tal-PGD dinji reali. Iż-żieda *fis-swieq esterni ta' l-esportazzjoni* hi mistennija li tiżdied għal madwar 8% kemm fl-2004 kif ukoll fl-2005, minn ftit taħt is-6% fl-2003.

### Proġettazzjonijiet għaż-Żieda fil-PGD Reali

Wara ż-żieda fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena, iż-żiediet fir-rati tal-PGD taż-żona ta' l-ewro meta mqabbla mat-tliet xhur ta' qabel huma pproġettati li jkunu relattivament b'saħħithom matul il-perijodu taż-żmien, bil-possibiltà ta' xi volatilità fis-sekwenza taż-żieda ta' kull tliet xhur ta' l-2004. Iż-żieda medja annwali fil-PGD reali hi proġettata li tkompli tiżdied sa bejn 1.4% u 2.0% fl-2004 u li tkompli tiżdied sa bejn 1.7% u 2.7% fl-2005. It-tisħiħ mistenni f'dak li jirrigwarda d-domanda esterna hu pproġettat illi jwassal għal għal iżjed titjib fiż-żieda ta' l-esportazzjoni fiż-żona ta' l-ewro. Barra dan, din is-sena qed jiġi pproġettat illi l-irkupru fiż-żona ta' l-ewro ser ikun iżjed mifrux, b'tkabbir iżjed b'saħħtu anki fid-domanda interna. Dan ta' l-aħħar hu proġettat li jkun immexxi b'irkupru kemm fl-investiment kif ukoll fil-konsum privat. L-investiment fl-inventarju u l-esportazzjonijiet netti m'humiex ipproġettati li ser jagħmlu kontributi pożittivi sinifikanti liż-żieda fil-PGD reali.

B'mod konformi mas-sekwenza ċiklika tas-soltu, *l-impjieg totali* hu pproġettat li jitjieb bil-mod fl-2004 qabel ma jissaħħaħ fl-2005. Il-provvista tax-xogħol hi mistennija li tgħola hekk kif propsetti aħjar ta' l-impjieg iwasslu

għal żieda fir-rati ta' parteċipazzjoni. Il-proġettazzjonijiet għall-provvista tax-xogħol u għall-impjieg jimplikaw illi r-rata tal-qgħad tibda tonqos lejn l-aħħar tal-perijodu taż-żmien.

Fost il-komponenti ta' l-infieq intern tal-PGD, iż-żieda annwali medja fil-*konsum privat* hi ipproġettata li tkun bejn 1.0% u 1.4% fl-2004 wara l-istaġnar esperjenzat fil-biċċa l-kbira ta' l-2003. Qed tiġi pproġettata illi tiżdied sa bejn 1.4% u 2.6% fl-2005. L-infieq għall-konsum hu pproġettat li jiżviluppa b'mod mifrux skond id-dħul reali disponibbli tad-djar privati. Il-proporzjon tad-tfaddil tad-djar privati thi ipproġettata li tibqa bejn wieħed u ieħor kostanti matul is-sentejn. Xi tħassib dwar kif se jmorru l-finanzi pubbliċi u, b'mod partikolari, l-propsettivi fuq żmien itwal f'dak li jirrigwarda s-sistemi tas-saħħa pubblika u tal-penzjonijiet, x'akatarx li ser jirrestrinġi kemmxejn it-tnaqqis fil-proporzjoni tat-tfaddil matul il-perijodu taż-żmien. Madnakollu, il-fiduċja tal-konsumatur hi mistennija li tiżdied gradwalemnt hekk kif l-attività ekonomika taqleb għall-aħjar u l-kondizzjonijiet tas-swieq tax-xogħol jitjiebu, bit tendenza li jitnaqqas it-tfaddil prekawzjonali. Fl-2004, iż-żieda fid-dħul reali disponibbli tad-djar privati hi pproġettata li tibqa' relattivament imrażżna mħabba żieda dgħajfa fl-impjiegi; fl-2005, din għandha tiġi sostnuta b'żieda iżjed qawwija fl-impjiegi u b'żieda ogħla fis-salarji reali iffavorita minn inflazzjoni iżjed baxxa. L-impatt pożittiv tat-tnaqqis fit-taxxi fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali fuq id-dħul reali disponibbli tad-djar privati fl-2004, ser ikun fil-biċċa l-kbira kontrobilanċjat b'taxxi indiretti ogħla u bi prezzijiet amministrati (inklużi l-ispjjeż għas-saħħa). Fl-aħħar, fuq il-bażi tal-pjanijiet ta' l-estimi kurrenti, qed jiġi ssoponut illi l-kontribuzzjoni tal-*konsum tal-gvern* liż-żieda fil-PGD reali ser jonqos matul il-perijodu taż-żmien tal-proġettazzjoni.

*L-investiment fiss totali* reġa lura għal rata ta' bidla ta' kull tliet xhur pożittiva fir-raba' perijodu ta' tliet xhur ta' l-2003 u hu ipproġettat li jkompli jikkontribwixxi għall-irpiljar fid-domanda interna taż-żona ta' l-ewro matul il-perijdou taż-żmien. Ir-rata medja ta' żieda annwali hi mistennija li tiżdied sa bejn 0.7% u 2.9% fl-2004 u li tkun bejn 1.9% u 5.1% fl-2005. L-irpiljar fl-investiment totali hu l-biċċa l-kbira riżultat ta' *investiment fin-negozju*, li hu sostnut mit-titjib fl-ambjent dinji ekonomiku u mil-livell baxx tar-rati ta' l-interessi reali. L-*investiment residenzjali privat* hu proġettat illi jerġa' jkollu rati ta' żieda pożittivi u moderati matul il-perijodu taż-żmien, wara bosta snin ta' tnaqqis.

F'dak li jirrigwarda l-kummerċ, ir-rata ta' bidla medja annwali fl-esportazzjonijiet totali hi proġettata li tiżdied sa bejn 3.2% u 6.0% fl-2004 u li tkun fi' skala ta' 5.0% sa 8.2% fl-2005. [3] Iż-żieda pproġettata ta' l-esportazzjonijiet barra ż-żona ta' l-ewro tibqa' kemm xejn taħt dik tas-swieq ta' l-esportazzjoni taż-żona ta' l-ewro, u dan in parti dovut għall-apprezzament ta' l-ewro fil-passat. Ir-rata medja annwali ta' żieda f'dak li jirrigwarda l-importazzjonijiet totali hu pproġettat li jkun bejn 2.8% u 6.2% fl-2004 u bejn 5.0% u 8.4% fl-2005. Il-proġettazzjoni għall-importazzjonijiet tirrifletti s-sekwenza ta' l-infieq finali totali fiż-żona ta' l-ewro, iżda wkoll xi impatt 'il fuq ittardjat ta' l-apprezzament ta' l-ewro tal-passat.

[3] *Il-proġettazzjonijiet tal-kummerċ huma konsistenti mad-data tal-kontabilità nazzjonali. Dawn għalekk jinkludu l-kummerċ ġewwa ż-żona ta' l-ewro.*

)

**Proġettazzjonijiet għall-iżviluppi tal-prezzijiet u ta' l-ispejjes**

Ir-rata medja taż-żieda fl-*Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (HICP)* totali hu proġettat li jkun bejn 1.9% u 2.3% fl-2004 u bejn 1.1% u 2.3% fl-2005. Meta bbażżat fuq is-supponimenti tekniċi għall-prezzijiet taż-żejt, il-komponent ta' l-enerġija hu proġettat li jagħmel kontribut pożittiv sinifikanti lill-inflazzjoni ta' l-HICP fl-2004, iżda li jkun ukoll il-biċċa l-kbira newtrali fl-2005. Iż-żidiet fit-taxxi indiretti u l-prezzijiet amministrati li daħħlu fis-seħħ kmieni fl-2004 ser jgħollu l-komponent li m'għandux x'jaqsam ma' l-enerġija ta' l-HICP, f'din is-sena. Fl-2005, ir-rata taż-żieda fil-komponent li m'għandux x'jaqsam ma' l-enerġija hi ipproġettata li tonqos, u b'dan jiġi rifless tnaqiss fil-pressjonijiet ta' l-ispejjeż domestiċi kif ukoll żidiet limitati fil-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet. Barra dan, fl-assunzjonijiet fiskali hemm biss kontribut modest, li jiġi miż-żidiet fit-taxxi indiretti u l-prezzijiet amministrati għall-2005.

Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni komplew jonqsu fl- 2003, b'konsegwenza ta' l-apprezzament ta' l-ewro mir-rebbiegħa ta' l-2002 u ta' pressjonijiet esterni inflazzjonarji dgħajfa. Dawn huma mistennija li jibqgħu imrażżna fl-2004, hekk kif l-effett ta' prezzijiet taż-żejt ogħla jiġi kontrobilanċjat bl'impatt ittardjat ta' l-apprezzament ta' l-ewro fil-passat. Il-prezzijiet ta' l-importazzjoni huma proġettati illi jiżdiedu biss modestament fl- 2005.

Meta wieħed iqis il-ftehim kurrenti dwar is-salajri u t-titjib modest fil-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, iż-żieda fil-kumpens nominali għal kull impjegat hu ssoponut li jibqa l-biċċa l-kbira l-istess matul il-perijodu taż-żmien. Il-proġettazzjonijiet għaż-żieda fil-PGD reali u l-impjieg jimplikaw illi t-tkabbir fil-produttività tax-xogħol ser ikompli jiżdied matul il-perijodu taż-żmien, u b'hekk javviċina l-medja tiegħu fuq żmien twil kmieni fl-2005. B'riżultat ta' dan, iż-*żieda fil-unit labour costs* hi proġettata li tonqos fl-2004 u fl-2005. It-tnaqqis hu proġettat li jiġi akkumpanjat bi' twessigħ sinifikanti *tal-marġnijiet tal-profitti* li mbagħad ikunu jsostnu l-investiment.

**Tabella : Proġettazzjonijiet makro-ekonomiċi**

*(bidliet fil-persentaġġi medji annwali)*[1)]

| | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|
| HICP | 2.1 | 1.9– 2.3 | 1.1 – 2.3 |
| | | | |
| PGD realii | 0.5 | 1.4 – 2.0 | 1.7 – 2.7 |
| Konsum Privat | 1.0 | 1.0 – 1.4 | 1.4 – 2.6 |
| Konsum tal-Gvern | 2.0 | 0.9 – 1.9 | 0.4 – 1.4 |
| *Gross fixed capital formation* | - 0.8 | 0.7 – 2.9 | 1.9 – 5.1 |
| Esportazzjonijiet (oġġetti u servizzi) | -0.2 | 3.2 – 6.0 | 5.0 – 8.2 |
| Importazzjonijiet (oġġetti u servizzi) | 1.7 | 2.8 – 6.2 | 5.0 – 8.4 |

1) *Għal kull varjabbli u perijodu ta' żmien, l-iskali huma bbażati fuq id-differenza medja assoluta bejn ir-riżultati l-attwali u l-proġettazzjonijiet ta' qabel tal-banek ċentrali taż-żona ta' l-ewro. Il-proġettazzjonijiet għall-PGD reali jirreferu*

*għad-data aġġustata skond il-ġurnata tax-xogħol. Il-Proġettazzjonijiet għall-esportazzjonijiet u għall-importazzjonijiet jinkludu l-kummerċ ġewwa ż-żona ta' l-ewro.*

Kaxxa A

**Tqabbil mal-proġettazzjonijiet ta' Diċembru**

Il-proġettazzjonijiet għall-PGD taż-żona ta' l-ewro baqgħu kważi l-istess meta mqabbla mal-proġettazzjonijiet ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema ppubblikati fil-Bulettin ta' kull Xahar f'Diċembru 2003. Iċ-caqlieq żgħir l-isfel fl-iskala pproġettata għall-2005 hu riżultat tat-tibdiliet fis-sekwenza taż-żieda ta' kull tliet xhur fl-2004, li mekkanimikament inaqqsu r-rata ta' żieda annwali fl-2005.

Il-limitu iżjed baxx ta' l-iskala pproġettata għar-rata ta' żieda annwali fl-HICP totali ġie mressaq 'il fuq għall-2004. Dan hu l-biċċa l-kbira spjegat miċ-ċaqlieqa 'l fuq li tidher fis-supponimenti għall-prezzijiet taż-żejt, li huma ogħla kemm għall-2004 kif ukoll għall-2005 (b'bejn wieħed u ieħor 30% u 20% rispettivament). L-impatt tal-prezzijiet taż-żejt fuq il-proġettazzjonijiet ta' l-inflazzjoni ta' l-HICP taż-żona ta' l-ewro hu, madankollu, imnaqqas minn diversi fatturi. L-ewwelnett, il-proġettazzjonijiet għall-komponent tal-prezzijiet ta' l-ikel ta' l-HICP ressqu l-isfel meta mqabbla ma' dawk tal-proġettazzjonijiet ta' Diċembru ta' l-2003, hekk kif l-impatt fuq iż-żieda, fl-2003, fil-prezzijiet tal-prodotti ta' l-ikel li jiddependu mit-temp inħass iżjed malajr mis-soltu. It-tieni nett, iż-żiediet fit-taxxa fuq it-tabakk li daħlu fis-seħħ kmieni fl-2004 kienu kemm xejn iżjed baxxi minn kif antiċipat fis-supponimenti fiskali li kienu l-bażi tal-proġettazzjonijiet ta' Diċembru ta' l-2003. It-tielet nett, is-supponimenti għaż-żieda fil-kumpens nominali għal kull impjegat matul il-perijodu taż-żmien ġie rrevedut kemm kemm l-isfel meta mqabbel mal-proġettazzjonijiet ta' Diċembru ta' l-2003. Dan jirriżulta ukoll f'reviżjoni żgħira l-isfel fiż-żieda fil-*unit labour cost* fl-2004.

**Tqabbil tal-proġettazzjonijiet makro-ekonomiċi**

*(bidliet fil-persentaġġi medji annwali)*

| | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|
| HICP – Ġunju 2004 | 2.1 | 1.9 – 2.3 | 1.1 – 2.3 |
| HICP – Diċembru 2003 | 2.0 - 2.2 | 1.3 – 2.3 | 1.0 – 2.2 |
| | | | |
| PGD reali – Ġunju 2004 | 0.5 | 1.4 – 2.0 | 1.7 – 2.7 |
| PGD reali – Diċembru 2003 | 0.2 – 0.6 | 1.1 – 2.1 | 1.9 – 2.9 |

## Kaxxa B

**Previżjonijiet ta' istituzzjonijiet oħra**

Numru ta' previżjonijiet għaż-żona ta' l-ewro jistgħu jinkisbu minn istituzzjonijiet varji, kemm minn organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll minn dawk fis-settur privat. Madankollu, dawn il-previżjonijiet m'humiex strettament paragunabbli ma' xulxin jew mal-proġettazzjonijiet ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema, mħabba l-fatt illi ġew finalizzati fi żminiejiet diversi u l-fatt illi jużaw metodi diversi biex jiksbu s-supponimenti għall-varjabbli fiskali, finanzjarji u esterni. Il-previżjonijiet koperti mill-Previżjonijiet Ekonomiċi bi' Qbil Bejniethom u mill-Istħarriġ tal-BĊE ta' Bassara Professjonisti jużaw varjetà ta' supponimenti mhux speċifikati. B'kuntrast mal-proġettazzjonijiet ta' l-istaff ta' l-Ewrosistema, il-previżjonijiet l-oħra huma tipikamnet mhux ikkondizzjonati mis-sopponiment li r-rati ta' l-interessi fuq żmien qasir ser jibqgħu l-istess matul il-perijodu taż-żmien tal-proġettazzjoni.

Minkejja s-supponimenti diversi, hemm qbil bejn il-previżjonijiet kollha li kurrentement jistgħu jinkisbu minn istituzzjonijiet oħra, illi l-attività ekonomika fiż-żona ta' l-ewro ser tirkupra gradwalment, u b'hekk twassal għal żieda fil-PGD medju annwali ta' ftit iżjed minn 1½% fl-2004 u bejn 2% u 2 ½% fl-2005. Il-previżjonijiet għall-2004 huma simili ħafna, iżda jvarjaw iżjed għall-2005. Il-previżjonijiet magħmula mill-Kummissjoni Ewropea, l-OECD u l-FMI jantiċipaw żieda annwali fil-PGD ta' 2.3% jew 2.4% fl-2005, filwaqt illi Previżjonijiet Ekonomiċi bi' Qbil Bejniethom u l- Istħarriġ tal-Bassara Professjonisti jipprevedu żieda annwali fil-PGD ta' 2.0% u 2.1% rispettivament.

**Tabella 1: tqabbil tal-previżjonijiet għaż-żieda fil-PGD reali fiż-żona ta' l-ewro**

(bidliet fil-persentaġġi annwali)

| | Data tal-ħruġ | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|
| Kummissjoni Ewropea | Apr. 2004 | 0.4 | 1.7 | 2.3 |
| FMI | Apr. 2004 | 0.4 | 1.7 | 2.3 |
| OECD | Apr. 2004 | 0.5 | 1.6 | 2.4 |
| Previżjonijiet Ekonomiċi bi' Qbil Bejniethom | Apr. 2004 | 0.4 | 1.6 | 2.0 |
| l-Istħarriġ tal-Bassara Professjonisti | Apr. 2004 | 0.5 | 1.6 | 2.1 |

*Minn fejn inkisbet l-informazzjoni: European Commission Economic Forecasts Spring 2004; IMF World Economic Outlook April 2004; OECD Economic Outlook No. 75; Consensus Economics Forecasts and the ECB's Survey of Professional Forecasters.*

*Nota: Il-Previżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea jirrappurtaw rati annwali ta' żieda li m'humiex aġġustati skond il-ġurnata tax-xogħol, li, għall-2004, huma madwar 1/4 ta' punt perċentwali ogħla mir-rati ta' żieda aġġustati sond il-ġurnata tax-xogħol użati fil-proġettazzjonijiet ta' l-Ewrosistema dovuti għan-numru ikbar ta' ġranet ta' xogħol f'din is-sena. Il-previżjonijiet ta' l-OECD jirrappurtaw rati annwali ta' żieda aġġustati skond il-ġurnata tax-xogħol, filwaqt illi l-previżjonijiet l-oħra ma jispeċifikawx jekk dawn humiex qed jirrapurtaw data aġġustata skond il-ġurnata tax-xogħol jew le.*

Il-previżjonijiet jantiċipaw illi l-inflazzjoni medja annwali tal-HICP ser tonqos għal bejn 1.7% u 1.8% fl-2004. Għall-2005, il-previżjonijiet ibassru illi l-inflazzjoni ta' l-HICP ser tkun 1.6%, bl-eċċezzjoni ta' l-Istħarriġ tal-Bassara Professjonisti u l-OECD, li juru inflazzjoni ta' l-HICP bħala 1.8% u 1.4% rispettivament.

**Tabella 2: Tqabbil tal-previżjonijiet għall-inflazzjoni ta' l-HICP fiż-żona ta' l-ewro**

(bidliet fil-persentaġġi annwali)

| | Date of release | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|
| Kummissjoni Ewropea | Apr. 2004 | 2.1 | 1.8 | 1.6 |
| FMI | Apr. 2004 | 2.1 | 1.7 | 1.6 |
| OECD | Apr. 2004 | 2.1 | 1.7 | 1.4 |
| Previżjonijiet Ekonomiċi bi' Qbil | Apr. 2004 | 2.1 | 1.7 | 1.6 |
| l-Istħarriġ tal-Bassara Professjonisti | Apr. 2004 | 2.1 | 1.8 | 1.8 |

*Minn fejn inkisbet l-informazzjoni: European Commission Economic Forecasts Spring 2004; IMF World Economic Outlook April 2004; OECD Economic Outlook No. 75; Consensus Economics Forecasts and the ECB's Survey of Professional Forecasters*